# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Illum, it-Tnejn 30 ta' Diċembru, 2019.**

**Rikors numru 786/19 GM**

**Simon Grima**

**v.**

**Fork & Night Ltd (C88093)**

**Il-Qorti:**

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fit-12 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ddikjarat li l-istess Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tar-rikors u kwindi ordnat li l-istess jiġi rimess lil din il-Qorti biex tagħti deċiżjoni finali fir-rigward.

Rat l-Artikolu 741 (b) tal-Kap. 12.

Rat l-Artikolu 81 tal-Kap. 452;

Ikkonsidrat;

Illi t-Tribunal Industrijali ddeċieda li ma kellux ġurisdizzjoni jisma' l-każ għaliex fil-fehma tieghu l-kuntratt ta' impjieg ġie terminat *waqt iż-żmien tal-prova*;

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni jekk l-impjieg kienx terminat waqt iż-żmien tal-prova kellha tiġi deċiża fil-mertu wara s-smiegħ tal-provi u "per se" ma kellhiex ikollha effett fuq jekk it-Tribunal kellux ġurisdizzjoni jew le. Kif qalet il-Prim'Awla fid-deċiżjoni tagħha fuq imsemmija, din il-kwistjoni hija *ancillary* għall-kuntratt prinċipali. Trattandosi għalhekk ta' talba ghal deċiżjoni dwar terminazzjoni ta' impjieg, ai termini tal-Artikolu 75 tal-Kap. 452, huwa t-Tribunal Industrijali li għandu ġurisdizzjoni biex jisma' din il-vertenza. (Ara digriet fil-kawża Mark Grima v. Fork & Night Limited tat-23 ta' Settembru, 2019).

Għal dawn il-mottivi l-Qorti tikkonferma d-digriet tat-12 ta' Diċembru 2019, u tordna li l-atti jiġu rimessi lit-Tribunal Industrijali biex jiddeċiedi l-każ fil-mertu.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr